



Brussell, 3 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9594/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0163(NLE)**

TRANS 330

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 9130/22
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-14-il laqgħa tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija fir-rigward tal-modifiki għall-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi dwar l-applikazzjonijiet telematiċi għat-trasport tal-merkanzija u l-modifika tal-Anness B tar-Regoli Uniformi tal-ATMF dwar id-derogi, u fil-proċedura bil-miktub tal-Kumitat ta' Reviżjoni tal-OTIF fir-rigward tal-modifika tar-Regoli Uniformi tal-ATMF – Adozzjoni

1. Fl-20 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq. Din tikkonċerna l-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) fil-qafas tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF), li l-kompitu tagħha huwa li tistabbilixxi regoli komuni għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri u merkanzija bil-ferrovija bejn l-Istati Membri tagħha. L-Unjoni ssieħbet fil-COTIF fil-2011 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011.

2. Il-proposta tikkonċerna l-ħidma tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi. Fit-13-il sessjoni tiegħu f'Ġunju 2021, il-Kumitat qabel li jipproċedi bl-emenda tal-Artikoli 3a u 15 tar-Regoli Uniformi li jirrigwardaw l-Ammissjoni Teknika ta' Materjal tal-Ferroviji użat fit-Traffiku Internazzjonali (ATMF - Appendiċi G tal-COTIF) biex jitqiesu l-iżviluppi fil-liġi tal-Unjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni, u biex jiġi emendat ir-Rapport ta' Spjegazzjoni Konsolidat skont dan¹. Għalhekk huwa talab lill-Kumitat ta' Reviżjoni biex jagħmel dawn l-emendi; il-votazzjoni ser issir permezz ta' proċedura bil-miktub wara l-14-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi.
3. Fl-14-il sessjoni tiegħu, il-Kumitat ta' Esperti Tekniċi ser jintalab japprova emenda għall-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi (UTP) għall-Applikazzjonijiet Telematiċi għat-Trasport tal-Merkanzija (ATF), bil-għan li jkun hemm allinjament mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll reviżjoni komprensiva tal-Anness B għar-Regoli Uniformi tal-ATMF dwar id-Derogi, bil-għan, fost l-oħrajn, li jkun hemm simplifikazzjoni u kjarifika.
4. L-14-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi ser issir f'Bern fl-14 u l-15 ta' Ġunju 2022.
5. Il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' Deċiżjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art fit-23 ta' Mejju 2022. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni spjega li t-testi mħejjija għall-Kumitat ta' Reviżjoni kienu ġew riveduti, b'mod parallel mal-approvazzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni fil-Kumitat, biex titqies opinjoni mogħtija minn kumitat ieħor fi ħdan l-OTIF; dawn il-bidliet kienu mistennija. Is-Segretarjat tal-Kunsill kien ħejja dokument ta' ħidma li fih abbozz ta' test aġġornat biex jirrifletti dawn l-iżviluppi².
6. Diversi delegazzjonijiet esprimew riżerva ta' skrutinju. Il-Presidenza stiednet lid-delegazzjonijiet biex jissupplimentaw l-opinjonijiet tagħhom b'kummenti possibbli bil-miktub sat-30 ta' Mejju 2022.

¹ Għall-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għal din il-laqgħa, ara ĠU L 204, 10.6.2021, p. 39.

² Dok. WK 7327/22.

7. Peress li l-ebda delegazzjoni ma talbet li l-grupp jerġa' jiltaqa' biex jiddiskuti l-abbozz ta' pożizzjoni tal-Unjoni kif adottat mid-dokument ta' ħidma, id-deliberazzjonijiet fil-livell tal-grupp issa jistgħu jitqiesu magħluqa.
8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument ST 9552/22¹, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, u jippreżentah lill-Kunsill għall-adozzjoni.
9. Ladarba d-Deċiżjoni tkun ġiet adottata, il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat dwar dan.

¹ Dan id-dokument ser jiġi ċċirkolat, l-ewwel f'lingwa waħda, sa mhux aktar tard mis-7 ta' Ġunju 2022, u fil-lingwi kollha sal-10 ta' Ġunju 2022.